**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Gunju 2019**

**Avviż Numru: 265/2008 MLF**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-10 ta' Settembru 2014, is-socjeta Enemalta p.l.c. assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta, u dan ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta**

**vs**

**V & C Contractors u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2009 giet mizjuda l-kelma "Limited"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-Korporazzjoni Enemalta fejn talbet prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-ligi, li s-socjeta konvenuta tigi ikkundannatha thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€4,558.98c) rapprezentanti danni ikkagunati minnkom f'taghmir proprjeta tal-korporazzjoni attrici nhar id-19 ta' Frar 2005 f'Labour Avenue, in-Naxxar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju 2006, u interessi legali mid-data li l-ammont kien dovut sad-data tal-hlas effetiv, kontra l-kumpanija konvenuta li tibqa minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Preliminarjament, illi l-konvenut kif dedott ma ghandux personalita guridika izda huwa guridikament inezistenti u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-korporazzjoni attrici ghandha tipprova d-danni allegatament subiti minnha;

4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-korporazzzjoni attrici ghandha tipprova illi l-konvenut huwa effettivament responsabbli ghad-danni allegatament subiti minnha;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-1 ta' Lulju 2009, fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez rizervati.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati, u semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fid-19 ta' Frar 2005 kien gie rrapurtat lill-korporazzjoni attrici illi kienet inqatgħet il-provista tal-elettriku f'parti minn Naxxar, mill-Mosta u mill-Għargħur.

2. Il-haddiema tal-korporazzjoni attrici marru fis-*sub station* involuta u d-dawl gie ripristinat. Minn stharrig li ghamlu l-istess haddiema irrizultalhom illi l-kawza ta' dan il-qtugh tal-elettriku kienet hsara f'*cable* tad-dawl li jinsab f'Labour Avenue, in-Naxxar fl-akkwati tal-Mosta Technopark[1].

3. Meta marru fuq il-post, il-haddiema tal-korporazzjoni attrici sabu li l-*cable* in kwistjoni kien mghotti bil-hamrija u meta dan il-*cable* inkixef sabu li kien milqut. L-istess haddiema raw *excavator* bin-numru tat-telefon tas-socjeta konvenuta, u meta David Zerafa, *principal technical officer* mal-korporazzjoni attrici, cempel fuq dak in-numru tkellem ma' Vincent Borg direttur tas-socjeta konvenuta.

4. Dwar dan l-incident, kien sar rapport fl-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar[2].

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet sorvolata billi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2009, din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tal-korporazzjoni attrici li l-avviz jigi korrett billi wara l-kliem V & C Contractors giet mizjuda l-kelma "Limited". Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u cioe dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, giet michuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Lulju 2009, u fejn il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjez in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni gew riservati ghal gudizzju finali.

Illi ghalhekk jifdal illi jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet fil-meritu.

---

[1] Ara x-xhieda ta' Patrick Borg Cardona a *fol* 35 u l-pjanta a *fol* 36 tal-process.
[2] *Fol* 42 tal-process.

Din il-kawza hija dwar danni li sehhew fuq *cable* appartenenti lill-korporazzjoni attrici. Jezistu zewg verzjonijiet dijametrikalment opposti tal-akkadut fejn minn naha l-wahda s-socjeta' attrici tikkontendi illi r-responsabbilita ghad-danni ikkagunati hija tas-socjeta' konvenuta, u minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta tichad din ir-responsabbilita'.

L-Inginier Patrick Borg Cardona xehed li meta huwa mar fuq il-post ma' David Zerafa, huma kienu *"illokalizzajna ħsara fil-cable kien jidher li l-ħamrija kienet tmisset u jiena rajt fl-opinjoni tiegħi illi cable meta mikxuf kien ġie milqut. Il-cable għall-bidu kien mgħotti bil-ħamrija u imbagħad kxift u rajt li kien milqut. Kien jidher li kellu daqqa b'excavator".*[3]

David Zerafa, *principal technical officer*, xehed illi wara li hu kien ghamel kuntatt telefoniku mad-direttur tas-socjeta' konvenuta, xi haddiema tas-socjeta' konvenuta marru fuq il-post u jzid jghid illi "*sibna li l-cable kien effettivament milqut, fil-fatt il-cable kien ghaddej dritt u ndunajna li kien hemm daqqa fuqu*".[4]

Charles Fenech, *principal distribution technical officer* mal-korporazzjoni attrici xehed li l-korporazzjoni attrici ma gietx infurmata dwar l-iskavar li kellu jsir f'dik it-triq, u ghalhekk minn naha tal-korporazzjoni attrici ma kienux immarkaw minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables* tad-dawl.[5]

Minn naha l-ohra, il-verzjoni tas-soċjeta konvenuta kif moghtija tramite d-direttur taghha Vincent Borg hija illi s-socjeta' konvenuta ma kenitx qatghet trinek hemmhekk, izda x-xogholijiet kienu qed isiru fl-akkwati, u mhux ezattament fil-post fejn instabet il-hsara. Huwa xehed illi x-xogholijiet kienu bdew, pero' sussegwentament waqfu sakemm gie deciz mill-awtoritajiet jekk kellhiex issir *roundabout* fuq il-post. Huwa jghid li meta kellmuh ir-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici, huwa mal-ewwel innega li kienet is-socjeta' konvenuta li kkawzat il-hsara. Borg xehed ukoll li l-*excavator* tas-socjeta' konvenuta kien ilu wieqaf hemmhekk ghal madwar xahrejn u kien thalla fil-vicinanzi madwar mitt pied il-boghod minn fejn instabet il-hsara.

---

[3] Xhieda ta' Patrick Borg Cardona a *fol* 35 tal-process.
[4] Xhieda ta' David Zerafa a *fol* 40 tal-process.
[5] Xhieda ta' Charles Fenech a *fol* 41 tal-process.

In kontro-ezami, Borg jghid illi x-xoghol li kienet qieghda taghmel s-socjeta' konvenuta f'dawk l-akkwati kienu jirrigwardaw it-triq. Mistoqsi dwar x'kienu ghamlu l-haddiema tas-socjeta' konvenuta wara li huwa kien gie mitkellem mir-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici, jghid li huwa ma jiftakarx li l-haddiema tieghu kienu marru fuq il-post.[6]

Kif inhu mistenni minnha, din il-Qorti sejra tiddeciedi a bazi tal-provi u sottomissjonijiet imressqa quddiemha fl-atti, u dan fost l-ohrajn bl-applikazzjoni tal-artikoli 559 u 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.[7] Kien jispetta lill-korporazzjoni attrici li tipprova sodisfacentement sal-grad mehtieg fil-kamp civili illi hija kienet subiet danni b'konsegwenza ta' hsarat ikkawzati mis-socjeta' konvenuta. Kif inhu maghruf, il-grad ta' prova rikjest fil-procediment civili, ghad-differenza ta' dak rikjest fi procediment kriminali, trid tkun tali li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju li l-allegazzjoni vantata mill-parti attrici tirrizulta mill-atti. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986, inghad illi:

*"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni ... jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali* ***'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'****.Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata* ***'beyond reasonable doubt'****, f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm* ***'moral certainty'****, certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm* ***'a mere possibility'****. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-****'balance of probabilities'****.*

Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-kunflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[8] inghad illi:

---

[6] Xhieda ta' Vincent Borg a *fol* 110 *et seq.* tal-process

[7] L-Artikolu 559 jippreskrivi illi *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*
L-Artikolu 562 jippreskrivi illi *"Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta'fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

[8] *Per* Imhallef Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2006

"*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tosserva illi minn dak li xehedu r-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici, u b'mod partikolari mix-xhieda ta' l-Inginier Patrick Borg Cardona jirrizulta illi huma kienu marru fuq il-post ghall-habta ta' nofs il-lejl. Hemmhekk irrizultalhom li dak iz-zmien kienu qed isiru xogholijiet fit-triq in kwistjoni u b'mod partikolari fil-pedamenti tat-triq. Dan ix-xhud qal li meta kixfu l-*cable* kien jidher li dan kien gie milqut b'*excavator*. Il-Qorti tqis din ix-xhieda bhala wahda attendibbli, tenut kont illi din ma giet kontradetta bl-ebda mod.

Kemm l-Inginier Patrick Borg Cardona u kif ukoll David Zerafa jikkonfermaw li fuq il-post kien hemm *excavator* appartenenti lis-socjeta' konvenuta. David Zerafa xehed li *"Morna fuq il-post u hemmhekk sibna li kien hemm qed isir xoghol ta' skavar. Fil-fatt vicin il-hsara ndikata rajt li kien hemm, sibt li kien hemm gaffa tas-socjeta V&C Contractors Ltd."*[9] Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li xejn ma hija verosimili l-verzjoni moghtija minn Vincent Borg li s-socjeta' konvenuta kienet qeghda taghmel xogholijiet f'dik it-triq izda mhux fil-punt fejn giet ikkawzata l-hsara. Fl-ewwel lok, meta r-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici accedew fuq il-post l-uniku makkinarju li sabu kien dak tas-socjeta' konvenuta, u minn imkien ma jirrizulta li dak iz-zmien kien hemm terzi li kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet

[9] Xhieda ta' David Zerafa a *fol* 40 tal-process

ohra f'dik it-triq. Vincent Borg xehed li l-makkinarju ma setghax jintuza minn terzi persuni minhabba l-mod kif dan ikun imsakkar.[10] In oltre, mill-*Current Incident Report*[11] tal-Pulzija, li sar dak inhar stess, jinghad illi "*The div. police went on site were they found a stationery hymac, owned by V&C Contractors, who are currently working in the area",* u mhux kif qed tikkontendi s-socjeta' konvenuta li l-makkinarju kien qieghed mitt pied il-boghod.

Bl-istess mod, lanqas hija versomili l-verzjoni ta' Vincent Borg illi l-*excavator* tas-socjeta' konvenuta kien thalla fuq il-post ghal madwar xahrejn minghajr ma kien qieghed isir uzu minnu. Fil-fatt David Zerafa xehed li meta cempel lil Vincent Borg u staqsieh jekk jafx li laqtu xi cable, *"dan qalli li ma jafx"*.[12] Zerafa ma jghidx li Borg qallu li x-xoghol kien wieqaf u li l-gaffa ma kienitx qed tintuza.

Allura f'dan il-kuntest, meta din il-Qorti tqis li il-hsara fuq il-*cable* kienet ikkagunata meta dan gie milqut minn *excavator*, u wara li qieset l-evidenza li l-*excavator* li nstab fuq il-post kien jappartjeni lis-socjeta' konvenuta li kienet qeghda taghmel xogholijiet fl-istess triq, din il-prova tassumi l-importanza taghha fil-kuntest ta' dak appena rilevat. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonvinci ruhha illi l-hsara in kwistjoni kienet ikkawzata mis-socjeta' konvenuta.

Fir-rigward imbaghad tad-danni subiti mis-socjeta' attrici, Jacqueline Busuttil[13] in rapprezentanza tal-korporazzjoni attriċi, ipprezentat *invoice* tal-ammont pretiz u pprezentat ukoll rendikont tas-somma mitluba kemm ghall-materjal u anke bhala *labour cost*. Anke din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

[10] Xhieda ta' Vincent Borg a *fol* 114 tal-process
[11] Current Incident Report a *fol* 42 u 43 tal-process

[12] Xhieda ta' David Zerafa a *fol* 40 tal-process
[13] Xhieda ta' Jaqueline Busuttil a *fol* 50 et seq. tal-process

2. Tichad ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
3. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€4,558.98c), bl-imghax li jibda jiddekorri mit-2 ta' Awwissu 2006, data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju 2006 u dawk konnessi mas-sentenza preliminari tal-1 ta' Lulju 2009, ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**